



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 10 ta' Novembru 2004 (12.11)
(OR. fr)**

**13899/04
ADD 1**

**PV/CONS 62
JAI 398**

ADDENDUM għal ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: **L-2613-il** laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (**ĠUSTIZZJA U
AFFARIJET INTERNI**), li saret fil-Lussemburgu fil-25 u 26 ta' Ottubru 2004

¹ L-informazzjoni mill-minuti tal-Kunsill li tinsab f'dan l-addendum mhijiex kunfidenzjali u għalhekk tista' tinħareġ għall-pubbliku.

WERREJ

Paġna

PUNTI "A"

- Punt 1. Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. 3
- Punt 2. Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill li tistabbilixxi disposizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u pjeni fil-qasam tat-traffikar tad-droga 4
- Punt 36. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2287/2003 li jiffissa għall-2004 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ibħra Komunitarji u, għal bastimenti Komunitarji, f'ibħra fejn limitazzjonijiet fuq il-qabda huma meħtieġa. 4
- Punt 37. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 337/75 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali 5
- Punt 38. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/784/KE dwar il-parteciġazzjoni Komunitarja fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew 5

o

o o

Punti ta' l-aġenda maħruġa għall-pubbliku dwar l-adozzjoni finali ta' atti tal-Kunsill

Punti "A": (lista: 13815/04 PTS A 50)

Fl-okkażjoni ta' l-adozzjoni tal-punti "A" relatati ma' atti leġislattivi, il-Kunsill qabel li jinkludi dan li ġej f'dawn il-minuti:

Punt 1. Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea 10827/04 FRONT 117 COMIX 429

Il-Kunsill adotta r-Regolament ta' hawn fuq. (Bażi legali: L-Artikoli 62(2)(a) u 66 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea).

1. Dikjarazzjoni unilaterali mid-delegazzjoni tar-Renju Unit

"Ir-Renju Unit ifakkar li, skond il-Protokolli dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda u dwar l-integrazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, huwa għandu d-dritt li jipparteċipa fl-adozzjoni ta' din il-miżura. Huwa jiddispjaċih li ġie miċħud minn dak id-dritt.

Ir-Renju Unit ser jipparteċipa b'mod kostruttiv fil-"kooperazzjoni operattiva" prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament. Iżda dan huwa bla ħsara għall-pożizzjoni legali tiegħu, u għad-dritt tiegħu li jieħu l-passi legali li huwa jqis meħtieġa skond dik il-pożizzjoni.

Ir-Renju Unit jinnota li, fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu 1 hawn fuq, is-sospensjoni, min-naħa tal-Kunsill, ta' Ġibiltà mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva tar-Renju Unit ma' l-Aġenzija ma tqajjem ebda kwistjoni legali fir-rigward ta', u hija bla ħsara għal, l-applikazzjoni tat-Trattat tal-KE lejn Ġibiltà."

Punt 2. Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill li tistabbilixxi disposizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u pieni fil-qasam tat-traffikar tad-droga
7249/04 DROIPEN 8 CORDROGUE 25
+ REV 1 (fi)

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Kwadru ta' hawn fuq. (Bażi legali: l-Artikolu 31(e) u l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea).

2. Dikjarazzjoni mill-Kunsill

"It-traffikar tad-droga huwa delitt faħxi, li l-Kunsill huwa determinat jiġġieled bil-mezzi kollha possibbli. Il-Kunsill jikkundanna l-forom kollha tat-traffikar tad-drogi u jara din id-Deċiżjoni Kwadru bħala pass ta' l-ewwel u wieħed importanti ħafna fil-ġlieda intensifikata kontra t-traffikar tad-droga.

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tiġi meħuda pożizzjoni qawwija kontra t-traffikar tad-droga fuq il-livelli kollha u jenfasizza l-hteġa għal approċċ trans-nazzjonali u koerenti fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jisħaq ukoll dwar l-interrelazzjoni li teżisti bejn il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri kollha u jisħaq dwar l-importanza li jiġi disswaġ il-fenomeni tat-*turiżmu marbut mad-droga*."

Punt 36. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2287/2003 li jiffissa għall-2004 l-oppportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ibħra Komunitarji u, għal bastimenti Komunitarji, f'ibħra fejn limitazzjonijiet fuq il-qabda huma meħtieġa.

9969/04 PECHE 209
+ COR 1 (en)
+ COR 2 (nl)
+ COR 3 (fr)

Il-Kunsill adotta r-Regolament ta' hawn fuq. (Bażi legali: l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002).

Punt 37. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 337/75 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali
12838/04 EDUC 165 SOC 436
+ REV 1 (lv)

Il-Kunsill adotta r-Regolament ta' hawn fuq. (Bażi legali: l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea).

Punt 38. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/784/KE dwar il-parteċipazzjoni Komunitarja fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew
PE-CONS 3682/04 AUDIO 42 CODEC 1016

Il-Kunsill approva l-emendi li kien hemm fl-opinjoni tal-Parlament Ewropew u adotta l-att propost kif emendat. (Bażi legali: l-Artikolu 157(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea).

3. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jilqa' u jappoġġja l-proposta li tiġi eżtiza l-parteċipazzjoni Komunitarja fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew sa l-2006. Ir-Renju Unit jaċċetta l-emendi mressqa fl-ewwel qari tal-proposta tal-Parlament Ewropew. Madankollu, waqt li jagħmel hekk, ir-Renju Unit huwa ta' l-opinjoni li numru ta' l-emendi tal-Parlament Ewropew jista' jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti ta' riżorsi għall-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew. Ir-Renju Unit huwa mħasseb li l-emenda 2, per eżempju, jekk tiġi adottata, tista' twassal biex l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew jieħu xogħol ġdid u impenjattiv, f'suġġetti kumplessi ħafna, li aħna nemmnu jmorru lil hinn mir-riżorsi u l-kompetenza attwali tiegħu. Il-kwistjoni dwar jekk tali, jew kwalunkwe, oqsma ġodda ta' ħidma għandhomx jiġu meħuda tkun xierqa għall-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew."